# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Jannar 2021**

**Talba Nru. 211/2020 JG**
**Numru fuq il-Lista: 3**

**Avukat Dr. Kevin Camilleri Xuereb (K.I. nru. 205582M)**

**Vs**

**Portelli & Brincat Limited (Reg. nru. C-5467)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-11 ta' Settembru, 2020, permezz ta' liema, l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li s-soċjetá konvenuta kienet inadempjenti fil-konfront tiegħu u konsegwentement li tiġi kkundannata tirrifondi u tħallas lura lill-attur s-somma ta' seba' mija u ħamsin Ewro (€750).

Ra li għalkemm s-soċjetá konvenuta ġiet debitament notifikata[1] bl-istess Avviż tat-Talba u kif ukoll d-digriet preċedenti ta' dan it-Tribunal datat 22 ta' Settembru 2020[2] fejn *inter alia* s-smiegħ ta' din it-Talba ġie ordnat li jseħħ fid-19 ta' Novembru 2020, l-istess soċjetá konvenuta naqset milli tippreżenta risposta fiż-żmien li trid il-liġi u

[1] A tergo ta' fol 17.
[2] A fol 14 u 15.

naqset li tirreġistra dehra fid-data stabbilita għas-smiegħ ta' din it-talba, hekk kif irreġistrat fil-verbal tal-istess data[3].

Sema lill-attur jixhed fl-istess seduta, fejn dan, b'żieda max-xhieda tiegħu magħmula permezz t'affidavit appożitu[4], iddikjara li l-ammont mitlub kien għadu dovut fl-intier tiegħu. [5]

Ra l-atti proċesswali kollha;

Ikkunsidra;

Illi kif diġa ġie indikat fl-ewwel parti ta' din id-deċiżjoni, s-soċjetá konvenuta naqset milli ssegwi d-dettami ta' żewġ regoli[6] kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġiet dikjarata li kienet waqgħet fi stat ta' kontumaċja.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni. Ukoll, l-attur għażel li ma jutilizżax l-arma tas-subizzjoni u għalhekk dan it-Tribunal m'għandux mezz ta' prova li setgħet issarraf fi tweġiba pożittiva għat-talba tal-istess attur.

Illi t-Tribunal ra bir-reqqa x-xhieda tal-attur, fejn dan spjega li wara d-data indikata fl-ordni ta' meta kellha ssir kemm il-kunsinna u l-installazzjoni tar-roller blinds *de quo* huwa baqa jistenna anke wara li għadda Jannar tas-sena 2020. Sussegwentement, minħabba li feġġħet il-pandeminja tal-COVID-19, l-attur fehem li dawn ma kienux sejrin jiġu kkunsinnjati u nstallati f'dawk iż-żminijiet. Madanakollu, wara li kienu għaddew aktar xhur, fit-2 ta' Ġunju 2020 reġa talab informazzjoni fuq l-ordni tiegħu u għalkemm ġie mgħarraf li l-kwistjoni kienet sejra tiġi riżolta, dan ma seħħ qatt. Għalhekk talab ir-rimbors tal-ammont imħallas minnu f'dan l-istadju.

Illi t-Tribunal iqis li ma hemm xejn fl-atti li għandu b'xi mod iwasslu sabiex ma jemminx din il-verżjoni, li hija l-unika verżjoni mogħtija mill-attur. L-attur kien ċar fl-ispjega tiegħu u eżebixxa d-dokumenti relattivi. It-Tribunal jgħid mingħajr tlaqliq li l-attur wassal lil dan it-Tribunal sal-grad taċ-ċertezza morali rikjest sabiex

---

[3] A fol 19.

[4] A fol 3 *et seq*

[5] Xhieda tal-attur mogħtija fid-19 ta' Novembru 2020.

[6] Huma tnjen ir-regoli proċedurali rigwardanti dan l-aspett li jemerġu mill-liġi speċjali applikabbli għal dan it-Tribunal. Issir referenza għal-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll dak imniżżel fir-regola 4 tal-L.S 380.01.

l-istess Tribunal jiddikjara lis-soċjetá konvenuta kienet inadempjenti fl-obbligi assunti minnha mingħajr raġunijiet validi.

Illi s-soċjetá konvenuta ma offriet l-ebda spjega għan-nuqqasijiet tagħha. Minn dak li jirriżulta lil dan it-Tribunal, anke xhur wara l-iskadenza taż-żmien mogħtija għall-adempjiment tal-obbligi assunti mill-istess soċjetá konvenuta, rappreżentant tal-istess kien kapaċi biss jgħid li huwa ma seta jagħmel xejn għax kien btala Għawdex. Din kienet l-unika risposta wara diversi xhur (minn Jannar 2020) ta' silenzju.

Illi minn dawn il-fatti huma tnejn il-prinċipji legali li dan it-Tribunal iqis li huma ta' importanza.

Illi fl-ewwel lok, għad li l-ordni kienet tinkludi wkoll installazzjoni, jidher li ordni prinċipali kienet ta' bejgħ ta' prodott. Għalhekk, l-installazzjoni qiegħda titqies bħala aċċessorju u t-Tribunal iqis il-ftehim bejn il-kontendenti bħala wieħed ta' bejgħ.

Illi l-attur saħaq li l-ammont imħallas minnu kien l-ammont sħiħ tal-ordni u għalhekk t-Tribunal iqis li dakinhar tal-ħlas il-bejgħ kien perfett[7]. Peress li l-istess kuntratt kien jistipula peró lill-kunsinna kellha ssir f'data oħra futura, iżda speċifikata, l-attur ippromwova din l-azzjoni sabiex ixolji tali kuntratt, kif hekk tippermetti l-liġi[8].

Illi fit-tieni lok, t-Tribunal iqis peró, lit-talba hekk kif magħmula rigwardanti l-imgħax m'hijiex ġustifikata. Dan qiegħed jingħad minħabba s-segwenti.

Illi kif jirriżulta mix-xhieda tal-attur, u anki mid-dokumenti ppreżentati minnu, s-soċjetá konvenuta obbligat ruħha li tikkunsinna l-merċa u tinstalla l-istess sa l-aħħar ta' Jannar 2020. Għalhekk, it-tardivitá da parti tagħha għandu jiskatta minn dakinhar, ġialadarba l-obbligu assunt kien jinkludi din it-tempistika. Issa, t-Tribunal m'għandux dubju li dan il-kuntratt huwa wieħed ta' natura kummerċjali[9]. Allura, l-obbligazzjoni titqies bħala waħda ta' natura kummerċjali.

[7] Artikolu 1347 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[8] Artikolu 1385 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[9] Artikolu 4 tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi f'każijiet bħal dawn, l-imgħax jibda jiddekorri, *ipso jure*, minn dak in-nhar li kellha tiġi eżegwita l-obbligazzjoni[10]. F'każijiet kongruwi wkoll, interpellazzjoni ġudizzjarja m'hijiex meħtieġa sabiex jiskatta l-obbligu tal-ħlas t'imgħax[11].

Illi sottomess dan kollu, l-attur m'għandux raġun li jitlob l-imgħax fuq l-ammont mitlub minnu mid-data tal-istess ħlas u ċioé mis-6 ta' Diċembru 2019, ġialadarba l-obbligu tas-soċjetá konvenuta ma kellux jiskatta dakinhar imma f'data oħra. Kif xehed l-attur, dak imniżżel fid-dokument tal-ħlas u għalhekk fuq id-dokument tal-ordni relattiva, d-data indikata inkitbet mil-attur stess iżda fuq indikazzjoni ta' dak li kien qallu rappreżentant tas-soċjetá konvenuta. Fil-fatt wara li ħaddiem tal-istess soċjetá konvenuta kien ħa l-miżurazzjonijiet neċessarji kien reġa għarraf lill-attur li l-ordni kienet sejra tiġi installata fl-aħħar ta' Jannar 2020.

Illi għalhekk, fil-każ in deżamina, l-imgħax fuq l-ammont mitlub għandu jibda jiddekorri mill-1 ta' Frar 2020.

Illi għalkemm t-Tribunal m'huwiex sejjer jagħti lill-attur l-imgħax eżattament kif mitlub fl-Avviż tat-Talba, ma jqisx li għandu jkun hemm temperament fl-ordni dwar il-ħlas tal-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri[12], anke għaliex s-soċjetá konvenuta uriet nuqqas ta' rispett lejn l-awtoritá ta' dan it-Tribunal bl-ommissjonijiet proċedurali tagħha li għalihom sar aċċenn aktar kmieni.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-talba billi jilqa t-talbiet tal-attur u konsegwentement:

1) Jiddikjara lis-soċjetá konvenuta naqset milli tottempora ruħha mall-obbligi assunti minnha u dan billi naqset milli tikkunsinna u t'installa l-merċa relattiva fiż-żmien miftiehem;

---

[10] L-artikolu 1141(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk: *Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

[11] Fis-sentenza fl-ismijiet **A. Cilia vs Onor. Edgar Cuschieri** mogħtija fit-12 ta' Novembru, 1948 mill-Qorti tal-Appell, inkiteb illi: *"Għalhekk jekk l-obbligazzjoni hi ta' natura ċivili, meta jgħaddi ż-żmien tfisser li d-debitur għandu jagħti, iżda biex jibda jiddekorri imgħax hemm bżonn ta' interpellazzjoni b'att ġudizzjarju. Iżda ma hemm bżonn ta' ebda interpellazzjoni fil-każ ta' obbligazzjoni kummerċjali. Il-fatt li jgħaddi ż-żmien hu biżżejjed biex id-debitur ikun moruż u għalhekk l-imgħax jiddekorri ipso jure mill-ġurnata li fiha l-obbligazzjoni missha ġiet finalizzata."* – Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. XXXIII, L-Ewwel Taqsima, a fol 356 *et seq*.

[12] Artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2) Jordna lill-istess soċjetá konvenuta tirrifondi lill-attur l-ammont mitlub ta' seba' mija u ħamsin Ewro (€750) bl-imgħax bir-rata ta' 8% mill-1 ta' Frar 2020 sad-data tal-pagament effettiv u finali.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur